DE LA SALLE U SAN ĠORĠ PRECA

Fit-tielet ċentinarju mill-mewt ta' San Ġwann Battista de la Salle

ROBERT ALOISO / robertaloisio@gmail.com



96, Strada Buongiorno, Bormla, l-ewwel dar fejn kien il-Kulleġġ De La Salle

Fundatur tal-Frères, riformatur kbir tal-edukazzjoni, u missier il-pedagoġija moderna

Hemm ħafna xi jressaq lejn xulxin u jxebbah lil dawn iż-żewġ Fundaturi. Il-qaddis Malti Dun Ġorġ Preca (1880-1962) ammira l-Fundatur tal-Frères de la Salle (1651-1719) u l-opra tiegħu, malli sar jaf bihom. Kif kiteb Brother Michael Buttigieg (1916-1997), Dun Ġorġ minn de la Salle "kiseb dawl u inkoraġġiment, ħeġġa u ħerqa fil-missjoni ġdida tiegħu, sew għat-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal u sew għall-formazzjoni spiritwali tal-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM".

Żewġ saċerdoti skont il-qalb ta' Alla. Żewġ Fundaturi b'għan wieħed. Żewġ benefatturi kbar tat-tfal tagħna, imnebbħa minn għan wieħed u spiritwalità waħda, l-istess spiritwalità tal-Imġħallem tal-Imġħallmin spiritwali: Dak li qal: "Ħallu ż-żgħar jiġu għandi".

L-GĦAŻLA TAL-FQAR

Ħafna jiftakru li Dun Ġorġ, li l-Papa kien tah it-titlu ta' Monsinjur, ma tantx kien iħabbel rasu dwar il-kwalità tal-ħwejjeġ li kien jilbes. Kien hemm min, bil-ħlewwa u rispett, għamillu xi osservazzjoni lil Dun Ġorġ, kif kienu għamlu wkoll l-ewwel Frères lil San Ġwann Battista de La Salle. Is-suttana ta' Dun Ġorġ kienet tilfet xi ftit mill-ewwel swidija tagħha. Iż-żarbun, kbir u goff, rari kien ikun ibblakkat.

De La Salle kien eks kanonku, eks teologu tal-katidral, bin il-maġistrat u n-nobbli Nicolette Moët. Iżda dan il-qassis għani qassam ġidu lill-fqar u sar fqir bħalhom sa ma kellu jmur jittallab il-karità. Meta darba kien mistieden biex iqaddes il-quddiesa kantata f'Calais, nhar Santa Marija, is-suttana li kien liebes kienet fi stat hekk ħażin li kienu jidħru l-ħwejjeġ ta' taħt. Xi qassisin tawh suttana oħra biex iqaddes.

Iż-żarbun ta' de la Salle ukoll kien "goff u tqil," skont Blain. Darba, hu u ġej minn Reims għal Pariġi, fi triq kollha tajn, fix-xitwa, triq ħażina ħafna, ħalla ż-żarbun imwaħħal mal-art. Kellu jimxi ħafi sal-eqreb raħal. Hemm xtara par żarbun, b'pett magħmul minn tliet biċċiet ġilda ħoxna mwaħħla waħda ma l-oħra "b'aktar minn mitt musmar". (Esprit et Vertu du Venerable J-B de La Salle, Ed. 1873)

IL-FRÈRES U L-ISKOLA TA' BORMLA

Il-Frères ta' de la Salle, waslu Malta fl-1903, wara li kienu mkeċċijin minn Franza, u mill-ewwel fetħu l-ewwel skola tagħhom f'Nru. 96, Strada Buongiorno (illum Triq Matty Grima), f'Bormla. Dun Ġorġ Preca fetaħ l-ewwel dar tal-MUSEUM fil-Ħamrun, erba' snin wara, fl-1907. Fl-1908, Preca fetaħ il-Qasam ta' Bormla, bl-għajnuna ta' Ewġenju Borg, ħaddiem tat-tarzna u wieħed mis-soċji tal-bidu li 'l quddiem u għal żmien twil kien l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà tal-Museum.

Il-Qasam tal-MUSEUM ta' Bormla fi Triq Verdala, li ma kienx 'il boghod mill-Iskola tal-Frères, kien ħafna għal qalb Dun Ġorġ. Dun Ġorġ ma setax ma jinteressax ruħu fl-iskola tal-Frères ta' Strada Buongiorno. Il-Frères kienu jgħallmu d-duttrina kuljum fil-klassijiet tagħhom. Dun Ġorġ kien iwettaq ħidma saċerdotali fost it-tfal Bormliżi, u aktarx fost il-Frères ukoll. Huwa kien iqaddes għat-tfal tal-iskola u jqararhom.

Dun Ġorġ kien iħobb jitlob fil-kappella tal-iskola tal-Frères, jaqra u jimmedita il-kotba ta' de La Salle u l-ħajja tiegħu. Brother Patrick Gambin jgħid li Dun Ġorġ kien iħobb jixgħel xemgħa quddiem it-Tabernaklu u jibqa' jitlob hamm sakemm ix-xemgħa kienet tintefa'. Hekk ukoll ġieli għamel il-kanonku żagħżugħ ta' Reims, Ġwann Battista de la Salle. Miftiehem massagristan kien iħallih, għaddawl inemnem quddiem Ġesù Ewkaristija u ħdejn il-qabar ta' San Remiġju jitlob iljieli sħaħ.

PRECA U L-KITBIET TA' DE LA SALLE

Fil-ħajja reliġjuża tal-Frères, Dun Ġorġ kien jara titwettaq l-ispiritwalità mfassla u magħġuna minn de la Salle għall-Frères tiegħu. Dan ma setax ma joħloqx interess f'Dun Ġorġ, waqt li kien qed jaħdem biex iwaqqaf is-Soċjetà tiegħu ta' rġiel lajċi li, bħall-Frères, kellhom b'obbligu speċjali jieħdu ħsieb it-tagħlim tad-duttrina.

Frère Antoine Cyprien, li kien Malti ta' Tunež, kien silef lil Dun Ġorġ ir-Regola, La Conduite des Ecoles, ir-Recueil, u l-ktejjeb Pensées du Frère Exupèrien. Jekk wieħed jaqbad il-ktejjeb ta' Dun Ġorġ Gwida għal min jgħallem it-Tfal u l-ktejjeb ta' De La Salle, Mèditations pour le temps de la Retraite, isib li ħafna mill-ħsibijiet ta' Dun Ġorġ jersqu fil-qrib lejn dawk ta' De La Salle.

Dun Ġorġ jikteb: "Billi n-natura tat-tfal hija nieqsa mill-ħsieb, mill-esperjenza u mit-tagħlim, għalhekk malajr (in-natura) taqa' fl-injagann u fid-diżgrazzji tar-ruħ u tal-ġisem… kemm jenħtieġu, imsejkna (tfal) min jieħu ħsiebhom!"

U De La Salle jgħid: "It-tfal huma dgħajfa kemm f'ruħhom u kif ukoll f'ġisimhom. Huma għandhom dawl żgħir dwar il-ġid (spiritwali). Għalhekk, huwa wisq eħfef li jaqgħu fit-tfixkil li jiltaqgħu miegħu ftriq tas-salvazzjoni. Għandhom bżonn id-dawl ta' mexxejja li jgħassu fuqhom… ħalli jiftħulhom għajnejhom dwar id-difetti tagħhom u jħarsuhom minnhom."

IL-KATEKISTI U T-TFAL

Dun Ġorġ dejjem fl-istess ktieb, jgħid: "X'inhuma t-tfal għall-Knisja: It-tama tal-Knisja li timxi 'l quddiem hija dejjem mqiegħda fit-trobbija tajba tal-ulied żgħar tagħha… Il-Knisja tenħtieġ ministri tajba… tenħtieġ ġenituri tajba… Il-Knisja fuq l-eżempju ta' Kristu dejjem kellha għal qalbha u ħabbet b'imħabba kbira it-tfal."

Fl-ewwel meditazzjoni, li hi bħal ftuħ għall-ktieb tiegħu dwar il-missjoni tal-għalliem-katekist, La Salle jikteb: "Alla huwa ħekk twajjeb li wara li ħalaq il-bnedmin ried li kollha jaslu biex jagħrfu l-verità. Din il-verità hija Alla nnifsu, u dak li għoġbu jgħarrafna b'Ġesù Kristu, sew bl-appostli mqaddsa u sew bil-Knisja."

Il-Frères u l-katekisti, fil-fehma ta' de La Salle, "jidħlu flok l-ommijiet u l-missirijiet ħalli jwasslu t-tfal għall-għarfien ta' Alla u tal-misteri tiegħu billi jieħdu ħsieb it-tfal…" Il-qaddis ried ukoll li l-katekisti "imexxuhom (it-tfal) bil-għaqal u jgħassu fuqhom bl-imħabba…"

Dun Ġorġ isemmi wkoll l-istess virtù tal-imħabba u żjid dik tal-ħlewwa. La Salle jagħżel il-għaqal li jiġbor fih ukoll il-ħlewwa fejn jenħtieġ, jew id iebsa fejn ikun hemm bżonn. Dun Ġorġ ukoll iwissi li "iżda xi mindaqqiet, minħabba l-karattru ta' xi uħud, tkun tenħtieġ il-virga." "Il-korrezzjoni" jgħid La Salle, "magħmula bil-ħlewwa u l-imħabba tagħmel il-ġid lid-dixxipli tagħkom."

QADDSU LILKOM INFUSKOM

Dari, f'ħafna mill-oqsma tal-MUSEUM kont issib inkwadru bil-kliem bil-Franċiż: "SANCTIFIEZ-VOUS ET DIEU SERVIRA DE VOUS" (Qaddsu lilkom infuskom u Alla jinqeda bikom). Din is-sentenza, Dun Ġorġ sikwit kien itenniha, ħafna drabi bil-Malti. Imma ġieli qalha bil-Franċiż, ilsien li Dun Ġorġ kien jafu sew, tant li

De La Salle ħabib tal-foqra

fil-Kungress Ewkaristiku kienu qabbdun biex ikun ta' interpretu għal Kardinal Franċiż.

Din is-sentenza, Dun Ġorġ ħadha minn Frère Exupèrien. Darba, Carmelo Camilleri, li kien Frère, iltaqa' ma' Dun Ġorġ il-Ħamrun. Dun Ġorġ kellu f'idejh il-ktejjeb li jiġbor fih "Pensèes du Frère Exupérien". Dan il-ktieb ġie stampat fl-1934. Dan ifisser li Dun Ġorġ baqa' jixtarr l-spiritwalità Lasalljana. Hu staqsa lil Camilleri xi ħaġa minn dawn il-ħsibijiet Esuperjani; qallu kemm kien iħobb jaħseb fuqhom.

Frère Exupérien kiteb din is-sentenza f'waħda millittri tiegħu; hu ħadha mill-kitbiet tal-Fundatur De La Salle. De la Salle kien kiteb: "Intom imsejħa (minn Alla) fl-istat tagħkom biex tnisslu l-qdusija fit-tfal li tgħallmu; għandkom tkunu qaddisin bi qdusija li ma tkunx ordinarja, għax intom tikkomunikawlhom il-qdusija, sew bl-eżempju tajjew u sew bil-kliem tas-salvazzjoni; dan hu dmirkom: li tħabbrulhom... Irringrazzjaw lil Alla li kien hekk twajjeb magħkom li ried jinqeda bikom biex tipprokuraw lit-tfal ġid hekk kbir!"

L-ARLOĠĠ TA' TALB

Hemm ħwejjeġ oħra, fl-ispiritwalità ta' San Ġwann de La Salle u Dun Ġorġ Preca li jqarrbuhom. Dun Ġorġ ħoloq mezz biex is-Soċji tiegħu jiftakru filpreżenza ta' Alla tul il-jum. Sejjaħlu l-Arloġġ Museumin. Dan l-Arloġġ Museumin jikkonsisti," jikteb Dun Ġorġ fir-Regola tas-Soċji, "f'ġabra ta' talb u meditazzjonijiet għal kull kwarta tal-ħin tal-ġurnata, mis-sitta ta' filgħodu sas-sebgħa ta' filgħaxija, u dan biex iżomm il-menti tiegħu f'Alla l-ħin kollu."

La Salle kien jisħaq bissħiħ fuq il-prattika talpreżenza ta' Alla sew għall-Frères u sew għat-tfal. Fir-Regola, kiteb lill-Frères: "Jagħmlu l-aktar spiss li jistgħu attenzjoni għall-preżenza ta' Alla, u jħabirku ħa jgħedduha minn ħin għal ieħor, għax għandhom ikunu konvinti li ma jmisshomx jaħsbu jekk mhux fih, jew f'dak li hu jordnalhom, jiġifieri dak li hu d-dmir u l-ħidma tagħhom." Fil-ktejjeb Recueil, f'wieħed millesamijiet spiritwali, La Salle isaqsi lill-Frères: "Ma tħallux xi mindaqqiet jgħaddi ħin twil, bħalma hu nofs siegħa, mingħajr ma tagħmlu xi talba, anki jekk ikun biss kemm terfgħu qalbkom lejn Alla?"

Anki mat-tfal, La Salle, daħħal din id-drawwa fil-klassijiet, fil-bidu jew waqt il-lezzjoni, aktarx mat-tokki tal-arloġġ. Wieħed mit-tfal, il-president tattalb tal-ġimgħa kien jgħid b'leħen għoli ħafna: "Ejjew niftakru li qegħdin filpreżenza mqaddsa ta' Alla." Kulħadd, għalliema u tfal, għalenija kienu jwieġbu: "Ejjew nadurawh." Imbagħad, ħin qasir ta' skiet profond u ġabra li jfakkar ir-ruħ li Alla Missier hu hemm, magħhom, u jerġgħu għalenija jitolbu: "Nissokta, oh Alla tiegħi, nagħmel din l-azzjoni għall-imħabba tiegħek." U jissokta tagħlim taħt il-ħarsa ħelwa ta' Alla, Missier twajjeb.

Kul siegħa, it-talba kienet itwal. Il-president tat-talb kien jgħid, f'isem kulħadd, Att ta' Fidi li s-suġġett kien jitbiddel kull jum. Jista' jkun li Dun Ġorġ, meta kien ikun l-iskola tal-Frères ta' Bormla, ġieli sema' t-tfal jitolbu. U jista' jkun li minn hemm ħa l-idea tal-Arloġġ Museumin.

PASSIĠĠATA KULL ĠIMGĦA

Ħaġa oħra tidher komuni għaż-żewġ mexxejja spiritwali: il-passiġġata bħala mezz ta' serħan mentali u għaqda bejn l-Aħwa. Kemm la Salle u kemm Dun Ġorġ għarfu li l-membri tagħhom, wara jiem ta' ħidma u tensjoni fid-dmirijiet ta' kuljum, kienu jenħtieġu serħan. La Salle fir-Regola tiegħu daħħal passiġġata flimkien: il-moħħ kien jistrieħ; il-qalb tersaq aktar lejn qalb l-aħwa.

Il-membri, bħaż-żewġ dixxipli ta' Emmaus, kienu jitħeġġu aktar biex jaqdu dmirijiethom bil-qalb u bil-ħerqa. Dun Ġorġ ried li s-soċji wkoll nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, wara t-talba tal-Unjoni imorru flimkien passiġġata. Il-ħsieb u l-għan kien l-istess bħal dak ta' San Ġwann de La Salle.

IL-LEĦEN IL-MAĦBUB

Iż-żewġ Fundaturi kellhom qima kbira lejn il-Bibbja; kienu midħla sewwa tagħha. Dun Ġorġ inqeda bl-eżerċizzju tal-Leħen il-Maħbub. Il-qari tal-Bibbja kien dmir u ħidma ta' mħabba. Is-sentenzi misluta mill-Kotba mnebbħa, jgħaqqdu s-soċji tal-Museum ma' Alla, jdawlu l-fehma tagħhom fil-qadi tad-dmirijiet kollha. L-istess għal sħab La Salle.

Dun Ġorġ dan kien jafu mir-Recueil. Hemm La Salle ġabar sensiela ta' sentenzi meħuda mill-Iskrittura Mqaddsa li setgħu jagħtu direzzjoni spiritwali fl-għemil kollu, minn sbieħ il-jum sal-irqad. Hu ried li l-Frères "igibu fuqhom kopja tat-Testment il-Ġdid u jaqraw xi siltiet minnu kuljum."

SKOLA TAL-FRÈRES U SKOLA TAL-MUSEUM

Għall-ħabta tal-1916, l-iskola tal-Frères ta' Bormla, il-Kulleġġ De la Salle, bdiet il-kors tad-Dockyard. Dak iż-żmien biex tidħol taħdem it-Tarzna kien hemm eżami kompetittiv ħafna. Issa l-iskola saret żgħira għan-numru ta' studenti li bdew deħlin. Fl-1937, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-iskola ġdida fi Triq San Dwardu, Tal-



Il-Qasam tal-MUSEUM tas-subien ta' Bormla

Ħawli, f'Bormla. Il-perit ewlieni kien Ġużè Damato. Fl-1939, daħlu l-ewwel studenti fl-iskola l-ġdida iżda minħabba l-attakki talgwerra, fl-1940 l-iskola għalqet il-bibien u l-istudenti nġħaqdu mal-Iskola Stella Maris tal-Ġzira, skola li l-Frères kienu fetħu fl-1904. Bdew jużaw ukoll l-Oratorju ta' B'Kara, fejn għamlu sal-1944.

Fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-edukazzjoni f'Malta kienet għadha mhix milħuqa minn dawk kollha li xtaqu jistudjaw. L-edukazzjoni sekondarja ma kinitx obbligatorja u kien hemm biss Liċeo wieħed u xi ftit skejjel sekondarji tal-Knisja, bl-iskop li jippreparaw lill-istudenti għall-eżami tal-GCE ta' Londra jew ta' Oxford.

Proprju, kif spiċċat il-Gwerra, fl-aqwa żmien għat-Tarzna, Toni Agius, soċju tal-MUSEUM mill-Ħamrun u special fitter fit-Tarzna, irriżenja mit-Tarzna, b'riskju kbir finanzjarju, biex fl-1946 fetaħ l-iskola St Michael fil-Marsa. Probabbilment kien il-Kulleġġ De La Salle li imbotta lil Agius biex jibda din l-iskola mmexxija mis-Soċjetà tal-Museum. Kienet ħolma, li b'entużjażmu u determinazzjoni, is-Sur Agius poġġieha f'realtà minkejja t-tfixkil kbir li ltaqa' miegħu.

Fit-2 ta' Novembru 1946, Agius mar ikellem lill-qaddis Dun Ġorġ Preca fuq ittaraġ tal-Knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun u qallu, "Sinjur, nhar it-Tnejn, f'Villa Violette, se nifthu skola b'għalliema kollha kemm huma tal-Mużew." Dun Ġorġ feraħ ħafna dakinhar u bierku quddiem kulħadd. Għall-ewwel l-Iskola St. Michael kienet fid-dar Villa Violette, il-Marsa.

Iżda l-viżjoni tas-Sur Agius kien wisq akbar. F'moħħu kellu proġett ta' skola kbira u ġdida. Tefa' għajnejh fuq firxa għelieqi fil-limiti ta' Santa Venera. B'sagrifiċċju kbir, ġera, ħadem u stinka sakemm erba' snin wara, fl-1951 akkwista biċċa art kbira, illum fi Triq il-Kanun. Kien l-istess perit ta' De La Salle, il-Perit Ġużè D'Amato, li ħejja l-pjanti tal-bini ta' St Michael. U bħall-Kulleġġ De La Salle, l-Iskola St Michael kienet tipprepara lill-istudenti għall-eżami tat-Tarzna.

IMXEW BIĊĊA TRIQ FLIMKIEN

Kif itemm jgħid Bro. Michael Buttigieg, "Kien ġieħ għal Dun Ġorġ Preca, ukoll għal San Ġwann Battista de La Salle, li resqu ħekk qrib xulxin fi triq waħda li qabilhom għadda minnha Kristu nnifsu. Hu ġieħ kbir għal Dun Ġorġ li, providenzjalment, fl-opra tiegħu tal-MUSEUM, sew għall-Membri u sew għat-tfal, fi triqtu lejn Alla, iltaqa' mal-eks Kanonku ta' Reims u mxew biċċa triq sewwa flimkien lejn l-għan waħdieni: Alla u l-erwieħ tat-tfal."

Ħafna minn dan l-artiklu huwa adattament ta' taħdita li Brother Michael Buttigieg F.S.C. kien ta lis-soċji tal-Museum fis-snin tmenin.